MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum is-16 ta' Lulju, 2020

Mandat ta' Inibizzjoni Numru 754/2020/1 LM

**Perit Alessandra Fiott**
**(detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 0000486M)**

***vs.***

**L-Avukat Carlos Bugeja (detentur tal-karta tal-identità bin-numru 391687M) u l-Perit Roderick Spiteri (detentur tal-karta tal-identità bin-numru 113183M) u s-Segretarju tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar Dorianne Ciantar (detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 428779M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **l-Perit Alessandra Fiott** (K.I. nru 0000486M) (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fit-22 ta' Ġunju, 2020, li jgħid:

*"Jingħad bil-qima u jiġi ikkonfermat bil-ġurament:-*

*Illi l-esponenti għandha nteress li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimati milli:*

*Jeżegwixxu d-digriet datat 17 ta' Ġunju 2020 (**Dok 384a**) ossia li l-Appell Numru 00456/19 fl-ismijiet Carmelo Abela (KI 502856M) u Mario Abela (KI 631861M) vs Awtoritá tal-Ippjanar u Patrick Guntrip jiġi differit għat-23 ta' Ġunju 2020 quddiem Tribunal diverżament kompost;*

*L-esponenti qegħda titlob il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni anke provviżorjament* ai termini *tal-artikolu 875 (2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi dan il-mandat ta' inibizzjoni qiegħed jintalab għar-raġunijiet illi ġejjin:*

1. *L-esponenti tippresjedi bħala membru fuq il-panel tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Fis-17 ta' Frar 2020 (ara **Dok A** minuta 366) ġie assenjat lilha l-inkarigu sabiex, flimkien mal-intimat membru l-ieħor l-Avukat Carlos Bugeja u l-intimat chairperson il-Perit Roderick Spiteri, tisma' u tiddeċiedi appell numru 00456/19 ġia ċitat magħmul min Carmelo Abela (KI 502856 M) u Mario Abela (KI 631861 M)* ai termini *tal-**artikolu 11(1)(ċ)(iii) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara kopja tar-rikors tal-appell preżentat fid-9 ta' Diċembru 2019 markat bħala **Dok 364b**);*

2. *Kontestwalment ma' dan l-appell ġie preżentat rikors għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess numru PA 4411/09 sakemm it-Tribunal jiddeċidi l-appell tas-Sinjuri Abela (ara kopja tar-rikors għas-sospensjoni markat bħala **Dok 365a**). Dan ir-rikors intlaqa' permezz ta' digriet datat 20 ta' Mejju 2020 mogħti mit-Tribunal kif hekk kompost mill-esponenti u l-intimati Av. Carlos Bugeja u l-Perit Roderick Spiteri (ara kopja tad-digriet markat bħala **Dok 377a**);*

3. *Fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2020, it-Tribunal kif hekk kompost iddiferixxa l-appell għad-deċiżjoni għall-10 ta' Ġunju 2012 jiġifieri eżattament tlett xhur wara l-10 ta' Marzu 2020 li hija d-data tal-ewwel seduta tal-appell imsemmi quddiem it-Tribunal hekk kompost (ara kopja tal-verbal tal-10 ta' Marzu 2020 markat bħala **Dok 375a**). Dan sar sabiex jiġi osservat dak dispost fl-**artikolu 33(5)(a) tal-Kap. 551** li "It-Tribunal m'għandux jissospendi l-eżekuzzjoni tal-permess għal aktar minn tliet xhur mid-data tal-ewwel seduta tal-appell quddiem it-Tribunal";*

4. *Fil-mori tad-differiment, d-deċiżjoni ġiet abbozzata, finalizzata imbagħad ċirkolata mal-membri kollha tat-Tribunal kif kompost. L-istess membri wrew qbil unanimu għad-deċiżjoni hekk finalizzata;*

5. *Ġara iżda li fil-jum li fiha kellha tingħata d-deċiżjoni, jiġifieri fl-10 ta' Ġunju 2012, l-esponenti ġiet infurmata tramite konverżazzjoni telefonika ma' uffiċjal tas-segretarjat tat-Tribunal, ċertu wieħed Gordon, li s-seduta mhux se ssir u li d-deċiżjoni mhux se tingħata. Għal din l-informazzjoni l-esponenti staqsiet lil-Gordon x'ħa jiġri mis-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess li kienet tiskadi proprju dik il-ġurnata. Għal din il-mistoqisja Gordon wieġeb "ma nafx igħid lil Carlos jikkuntattjani".*

6. *L-esponenti bagħtet tinforma b'dan lill-intimat Av. Carlos Bugeja permezz ta' messaġġ minfuq il-mobajl. Ftit tal-ħin wara l-esponenti tirċievi messaġġ lura mingħand l-istess intimat Av. Carlos Bugeja. Dan il-messaġ kien jgħid li l-Av. Bugeja ħa joħroġ di sua sponte digriet datat 10 ta' Ġunju, jiġifieri d-data li fiha suppost kellha tingħata d-deċiżjoni, li bih iddikjara s-segwenti:*

   "It-Tribunal

   Wieħed mill-membri tat-Tribunal, l-Avukat Dottor Carlos Bugeja, qiegħed, fil-qadi tal-prattika privata tiegħu, jassisti lill-Avukat Dottor Natalino Caruana DeBrincat fil-patroċinar tal-attur f'kawża fl-ismijiet ta' 1137/2019GM - ABELA MARIO vs SAMMUT DANIEL DR ET. L-Avukat sottofirmat daħal fi stadju wara li l-kawża kienet ġiet preżentata, u kien hemm l-ħsieb li jidher għall-ewwel seduta, li qegħda skedata għat-23 ta' Lulju 2020.

   Ftit tal-ħin ilu, l-avukat membru tat-Tribunal inġibditlu l-attenzjoni illi Mario Abela f'din il-kawża huwa proprju l-istess Mario Abela illi huwa wieħed mill-appellanti f'dan l-appell. Qabel dan, l-Avukat Dottor Carlos Bugeja assolutament ma kellu l-ebda ħjiel illi Mario Abela f'dan l-appell kien l-istess Mario Abela li qiegħed jippatroċina fil-kawża surriferita, apparti l-fatt illi fis-seduta tat-Tribunal illi għaliha kien preżenti l-Avukat Dottor Carlos Bugeja, l-appellant Mario Abela ma deherx hu. L-Avukat Dottor Carlos Bugeja qatt ma ta parir fuq il-mertu ta' dan l-appell, u l-kawża surriferita ma għandha x'taqsam xejn mas-sit in kwistjoni. Tajjeb jingħad iżda illi dan il-fatt sar magħruf għall-avukat Bugeja fi stadju avvanzat tal-prolazzjoni tad-deċiżjoni f'dan l-appell.

   Billi l-ġustizzja mhux biss trid issir, imma trid tidher li qed issir, it-Tribunal qiegħed immedjatament iġib dan kollu għall-attenzjoni tal-partijiet kollha, li qed jingħata jumejn żmien biex jiddikjaraw joġġezzjonawx illi l-każ jiġi deċiż mit-Tribunal kif kompost."

7. *L-għada l-esponenti ġiet mitluba mill-intimat segretarja tat-Tribunal Dorrianne Ciantar sabiex tiffirma dan id-digriet. L-esponenti għaddiet biex tiffirmah billi sa dakinhar kienet tqis lill-intimati bħala persuni li jafu jaġixxu in konformitá ma' dak li titlob il-liġi taħt il-Kap. 551.*

8. *Għal xi raġuni mhux magħrufa mill-esponenti dan id-digriet baqa' ma ġiex* uploaded online *fuq il-*portal e/applications *fil-website tal-Awtoritá bħalma ġew* uploaded *il-bqija tal-atti tal-appell (ara l-minuti markati **Dok A**).*

9. *It-Tnejn ta' wara, jiġifieri fil-15 ta' Ġunju 2020, l-esponenti ċemplet lil dan Gordon biex issaqsih x'ħa jsir mid-deċiżjoni tal-appell minħabba t-terminu tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-permess. Gordon informaha li ħa jkollu jirrikuża il-panel kollu għaliex ir-risposta tal-Avukat tal-applikant Dr. Ian Stafrace hekk kienet qed tgħid biex isir. Peress li r-risposta tal-Avukat Stafrace, għal xi raġuni ukoll mhux magħrufa mill-esponenti, lanqas ma kienet* uploaded online*, l-esponenti talbet li tintbgħatilha kopja ta' din ir-risposta, kif hekk sar (vide risposta hawn immarkata bħala **Dok B**);*

10. *L-esponenti ġiet ukoll infurmata li, ħlief għal Dr. Ian Stafrace, ħadd mill-bqija tal-partijiet insista fuq ir-rikuża tal-Avukat intimat Carlos Bugeja wara d-digriet tiegħu tal-10 ta' Ġunju 2020 (ara kopja tar-rispost ta' Dr. Ivan Sammut għall-appellanti markata bħala **Min 383a**, l-eponenti m'għandhiex kopja tar-risposta tal-Awtoritá billi din ma ġietx mogħtija lilha – hija ġiet biss infurmata li din saret permezz ta'* e-mail *u li fiha l-istess awtoritá wriet li ma ssibx oġġezzjoni li Dr. Carlos Bugeja jibqa' jippresjedi fuq il-panel tat-Tribunal).*

11. *Sadanittant l-esponenti innutat li l-verbal tat-3 ta' Ġunju li permezz tiegħu l-appell ġie differit għad-deċiżjoni fl-10 ta' Ġunju 2020, ġie* uploaded *fuq il-portal tat-Tribunal fit-12 ta' Ġunju 2020, jiġifieri jumejn wara li kellha tingħata d-deċiżjoni (ara minuta 382a **Dok A**). Ġie wkoll ulterjorment innutat li d-data tad-differiment tad-deċiżjoni, jiġifieri dik tal-10 ta' Ġunju 2012, ġiet kanċellata mill-verbal innifsu (ara kopja tal-verbal markat bħala **Dok 382a**);*

12. *Permezz ta' e-mails hawn markati bħala **Dok. C**, l-intamat Av. Carlos Bugeja beda jagħmel pressjoni fuq l-esponenti sabiex tiffirma digriet ieħor li bih jiġu rikużati l-membri kollha tat-Tribunal, jiġifieri l-esponenti flimkien mal-intimati Av. Carlos Bugeja u l-Perit Roderick Spiteri, sabiex l-appell in kwistjoni jinstema quddiem Tribunal diverżament kompost;*

13. *L-esponenti iżda rrifjutat milli tiffirma dan id-digriet billi ma kienx konformi mal-Kap. 551, anzi kien in piena vjolazzjoni tal-istess, speċifikament tal-**artikolu 4(6)** li jiddisponi kif ġej:*

"Membru tat-Tribunal għandu jkun skwalifikat milli jisma' appell skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 734 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u f'kull każ bħal dak, dak il-membru għandu jiġi sostitwit minn persuna oħra maħtura mis-Segretarju għal dak l-iskop minn fost il-membri tal-panel jew panels l-oħra, jew jekk ebda persuna ma tkun tista' tiġi hekk appuntata, minn persuna oħra li jkollha l-kwalifiki biex toqgħod fuq it-Tribunal, li tiġi appuntata mill-Prim Ministru għal dak il-għan.";

14. *Dan id-digriet huwa partikolarment in vjolazzjoni tal-artikolu* ***4(8)*** *li jipprovdi s-segwenti:*

"**Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, iċ-Chairperson u l-membri tat-tribunal m'għandhomx ikunu soġġetti għall-**kontroll jew id-**direzzjoni ta' xi persuna** jew awtorità oħra, u jistgħu jitneħħew biss mill-kariga mill-President fuq il-parir tal-Prim Ministru għal raġunijiet ta' inkapaċità ppruvata li jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra), imġiba ħażina ppruvata, negliġenza serja jew għal raġuni ġusta." *(enfażi tal-esponenti);*

15. *Kif ġie diverżi drabi ritenut, "*Jigi osservat li r-rikuża hija fil-verità oppożizzjoni kontra l-ġudikant. Din m'hix xi ħaġa li tista' titqanqal arbitrarjament minn xi parti għaliex tħossha iktar komda jew protetta quddiem ġudikant iktar minn ieħor; hija pro1edura speċjali ntiża biex tħares l-interessi tal-ġustizzja u hija sollevabbli f'ċirkostanzi preċiżi u partikolari. U l-liġi tal-proċedura tilimita drastikament u tassattivament iċ-ċirkostanzi fejn din tista' titqajjem; altrimenti wieħed jispiċċa fl-arbitrarjetà u jagħti lok għal ħafna dubbji u nġerenzi fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. **<u>L-ikbar garanzija sabiex il-ġustizzja tidher li qed issir huwa billi l-ġustizzja tiġi amministrata f'parametri ta' regoli fissi u d-diskrezzjoni tkun eżerċitata fil-limiti ta' dawk ir-regoli. Altrimenti din ma tibqa' ġustizzja xejn u ssir arbitrarjetà</u>**." *(**Perit John Gambina A & CE vs Fithome Limited**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 28 ta' Jannar 2005) (sottolinear u enfażi tal-esponenti);*

16. *Ġie wkoll insenjat is-segwenti:*

"L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja (Ara s-sentenza preliminari tal-QK fl-ismijiet **Mons. Arċisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs. L-Onorevoli Prim Ministru noe et.** deċiża fis-27 ta' Settembru, 1984.). ... Skont il-ġurament tal-kariga ta' ġudikant, l-obbligu tiegħu hu li jiġġudika. Huwa proprju għalhekk li l-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna

kienet dejjem fis-sens li ġudikant jista' jastjeni, jew jista' jiġi rikużat, biss f'dawk il-każijiet fejn il-liġi espressament tipprovdi għal tali astensjoni jew rikuża (5 Ara s-sentenza preliminari tal-Qorti Kostituzzjonali tal-4 ta' Settembru 2007 fl-ismijiet **John Mary Chircop vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et.** u s-sentenza tal-PA (GV) tad-19 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet **Licari Estates Ltd. vs. Kishinchand Mohnani**.). Proprju għalhekk, u biex ikun hemm trasparenza fl-operat tal-ġudikatura f'dan ir-rigward, meta ġudikant jastjeni jew jiġi rikużat hu importanti li jindika mhux biss l-Artikolu 734 b'mod ġenerali, imma jindika wkoll is-subartikolu, paragrafu jew sub-paragrafu li jkun applikabbli għall-każ, u, jekk ikun hekk meħtieġ, jindika anke kif dak il-kap ta' astensjoni jew rikuża jkun japplika għal dak li jkollu quddiemu (Ara s-sentenza preliminari tal-Qorti Kostituzzjonali tat-18 ta' Frar, 2007 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun).**

Però fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (l-aktar fil-kamp kriminali) ġie aċċettat ukoll li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali, mhux koperti taħt l-Artikolu 734 tal-Kap. 12, fejn ikun hemm obbligu ta' astensjoni, u dan fuq il-mudell tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali Taljan viġenti, ċjoè meta jkun hemm dawk li f'dak il-kodiċi jissejħu "altre gravi ragioni di convenienza" (Ara is-sentenza fl-ismijiet **John Mary Chircop vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** supra u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja).** Kif ġie spjegat, però, "konvenjenza" hawn ma tfissirx "kumdità". "Konvenjenza" hawnhekk għandha s-sinjifikat ta' "conviene" (bit-Taljan), ċioè li hekk għandu jsir, hekk huwa xieraq li jsir, u tirreferi għal dawk ir-raġunijiet jew ċirkostanzi eċċezzjonali, oġġettivament riskontrabbli, li għalkemm ma jissemmewx espressament f'xi kap tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, ikunu ġuridikament rilevanti peress li oġġettivament joħolqu suspett fondat dwar l-imparzjalità tal-ġudikant, ċjoè suspett li jegħleb il-presunzjoni qawwija li ġudikant huwa dejjem kapaċi li jogħla 'l fuq, u jiddistakka ruħu, minn dawk is-simpatiji jew antipatiji normali li persuna jista' jkollha għal persuna jew persuni oħra jew għall-meritu tal-vertenza bejn iż-żewġ partijiet (Ara s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Lebrun** suċitata.).

**Hu dmir ta' ġudikant li jiddeċiedi kawża u dan mhux xi vantaġġ jew privileġġ. La huwa mhux ser jirbaħ u mhux ser jitlef billi jkun jew ma jkunx jagħmel parti minn tribunal, il-ġudikant m'għandu ebda interess personali jekk ikomplix jisma' l-kawża jew jastjeni. Il-ġudikant m'għandu ebda interess personali li jisma' l-kawża imma l-interess tiegħu hu biss wieħed proċesswali li jara li ma jastjeniex u ma jilqgħax eċċezzjoni ta' rikuża "ove non concorra qualcuno dei motivi stabiliti dalla legge" (Mortara). Altrimenti b'sempliċi eċċezzjoni ta' rikuża**

**jintaghzlu minn parti jew mill-oħra l-imħallfin li għandhom jisimgħu kawża partikolari** (ibid.).....

Illi biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla (Ara s-sentenza fl-ismijiet Lawrence Grech et vs. Carmelo Pulis et (PA) (JRM) deċiża fl-10 ta' Marzu, 2015). Il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. **Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skont il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'**. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalità, anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli (Ara s-sentenza fil-kawża Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah (App. Krim.) deċiża fil-15 ta' Novembru 2004)" *(**Dragon Forge Limited (C32308) vs. Malta Industrial Parks Limited (C28965)**, Qorti Ċivili Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 2015) (sottolinear u emfażi tal-esponenti);*

17. *L-intimati Av. Carlos Bugeja u l-Perit Roderick Spiteri xorta waħda għaddew biex jiffirmaw dan id-digriet li jġib id-data tas-17 ta' Ġunju (vide **Dok 384a**). Permezz tiegħu l-Avukat intimat Carlos Bugeja u l-Perit intimat Roderick Spiteri iddikjaraw li "*qegħdin jastjenu milli jkomplu jisimghu l-appell kif kompost, u, b'hekk l-appell qiegħed jigi differit għat-23 ta' Ġunju 2020 [ċioe għada] biex il-każ ikompli jinstema' minn Tribunal diversement kompost.*"*

18. *B'dan l-aġir abbużiv l-intimati rrikużaw arbitrarjament lill-esponenti b'mod li jivvjola flagrantament id-dettami tal-Kap. 551 u jistultifika għal kollox l-istitut tar-rikuża, partikolarment l-artikolu 738(2) u 739 tal-Kap. 12 kif ukoll il-prinċipji ġurisprudenzjali stabbiliti u nsenjati fis-sentenzi ċitati iktar 'il fuq f'dan il-mandat.*

19. *L-esponenti sejra għaldaqstant tikkontesta l-validitá ta' dan id-digriet bi proċedura* ad hoc *skont il-liġi.*

20. *Iżda jekk għada jiġi permess illi jsir kif hemm ingħad, u ċjoe li l-appell jinstema' quddiem Tribunal diverżament kompost, l-esponenti sejra tiġi irrimedjabbilment u arbitrarjament preġudikata milli teżegwixxi id-dmirijiet tagħha "bil-fedeltá kollha, mingħajr ma [ż]żomm ma ħadd, u mill-aħjar li [t]ista" skont il-ġurament li hija ħadet* ai termini *tal-**artikolu 8(1) tal-Kap. 551** (vide ġurament hawn markat bħala*

*__Dok E__). Dan mhux biss fid-deċiżjoni tal-appell in kwistjoni iżda wkoll f'kull appelli pendenti u futuri assenjati lill-esponenti.*

21. *Huwa għalhekk neċċessarju għall-esponenti, anzi ma kellhiex triq oħra għajr, li tirrikorri għall-proċeduri ġudizzjarji permezz ta' dan ir-rikors sabiex jiġi konservat id-dritt tagħha li timpedixxi lill-intimati milli jwettqu dak dikjarat fid-digriet. Dan billi tikkontesta l-validitá tal-istess permezz ta' kawża fil-mertu illi hija sejra tippreżenta;*

22. *Mingħajr il-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni il-jedd li għandha l-esponenti jintilef darba għal dejjem u hija tiġi ippreġudikata b'mod irrimedjabbli kif fuq ingħad;*

*Illi l-esponenti se tiġi ippreġudikata jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżomm lill-intimati milli jkomplu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija."*

Rat illi l-intimati **l-Avukat Carlos Bugeja, il-Perit Roderick Spiteri u Dorianne Ciantar bħala Segretarja tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar** ġew debitament notifikati bir-Rikors fit-22 ta' Ġunju, 2020.

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2020 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan *ai termini* tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta tal-intimati **l-Avukat Carlos Bugeja** u **l-Perit Roderick Spiteri** (minn issa 'l quddiem "l-intimati membri"), ippreżentata fil-24 ta' Ġunju, 2020, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*"<u>Preliminari</u>*

1. *Din hija t-tweġiba tal-intimati Carlos Bugeja u Roderick Spiteri għar-rikors imressaq minn Alessandra Fiott fit-22 ta' Ġunju 2020.*

2. *L-esponenti, għar-raġunijiet illi sejrin jinġiebu f'din ir-risposta, qiegħdin* ***jopponu*** *l-akkoljiment tat-talbiet odjerni.*

3. *Jingħad mill-bidu nett li l-argumenti tar-rikorrenti huma azzardati u mhux maħsuba sew għax ma għandhom ebda għeruq fil-Liġi u sew għax jagħtu lok għal somiljanza ta' kompjaċenza għal nuqqas ta' imparzjalità f'kull ġudikat ta' Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar ('It-Tribunal').*

*Il-fatti*

4. *L-avvenimenti li jppreċedew ir-rikors odjern huma pjuttost sempliċi, u fis-sempliċità tagħhom qatt ma wieħed jippretendi li kellhom iwasslu għal-proċeduri ġudizzjarji.*

5. *L-intimati Avukat Carlos Bugeja u Perit Roderick Spiteri huma, flimkien mar-rikorrenti, sedenti fuq It-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.* ***Biex is-sitwazzjoni tkun ċara, jiġi preċiżat illi dan huwa mandat ta' membru tat-Tribunal (il-Perit rikorrenti) kontra ż-żewġ membri l-oħra u s-Segretarja tal-istess Tribunal, biex iwaqqaf "l-eżekuzzjoni" ta' digriet li bih astjenew milli jkomplu jisimgħu l-appell iż-żewġ membri l-oħra, għax ma taqbilx mal-pożizzjoni legali meħuda minn dawn il-membri.***

6. *Fi stadju fejn il-membri tat-Tribunal kienu fl-aħħar fażi tal-prolazzjoni tad-deċiżjoni tal-appell mertu tar-rikors odjern, dak enumerat 00456/2019, u preċiżament fl-10 ta' Ġunju 2020, l-Avukat Bugeja ġie infurmat b'telefonata illi wieħed mill-appellanti fl-appell, ċertu Mario Abela – kien l-istess Mario Abela li* **xi xhur qabel,** *l-Avukat Natalino Caruana de Brincat, kien semma miegħu in relazzjoni ma' kawża għal danni wara* personal injury*, li kien talbu xhur qabel sabiex jgħinnu fiha. Fl-10 ta' Marzu 2020, kien hemm l-ewwel seduta, u l-avukat Bugeja ma setax jattendi. Fl-20 ta' Mejju 2020, ingħata digriet li bih ġie sospiż il-permess pendenti s-smigħ. Fit-3 ta' Ġunju 2020, l-Avukat Bugeja kien preżenti għas-seduta (li saret* online*), li fiha attenda u xehed Carmelo Abela (mhux Mario Abela). F'dak il-mument, l-Avukat Bugeja bl-ebda mod qatt ma għaddietlu minn moħħu illi wieħed minn dawk imniżżel bħala 'appellanti' fl-appell quddiem it-Tribunal kien l-istess persuna li hu kien prometta li jassisti mal-avukat Caruana de Brincat f'kawża separata. Bl-istess mod, ħadd ma osserva dan il-fatt* seduta stante*, u allura s-seduta imxiet normali.*

7. *Il-fatt li Mario Abela fl-appell kien l-istess Mario Abela tal-każ ta'* personal injury *ġie a konoxxenza tal-Avukat Bugeja biss fl-10 ta' Ġunju 2020. Dak il-ħin,* ***l-avukat Bugeja immedjatament informa lill-membri tat-Tribunal*** *(fil-konversazzjonijiet esebiti tidher il-frustrazzjoni istantanja tal-Avukat Bugeja b'dak li kien seħħ) u issuġġerixxa illi l-korrettezza titlob li l-partijiet kollha jiġu infurmati b'mod immedjat.*

8. *Jiġi preċiżat illi l-kawża tal-*personal injury *ma għandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-appell, l-Avukat Bugeja qatt ma ltaqa' privatament ma' Abela iżda tkellem biss mal-Avukat Caruana de Brincat, qatt ma ffirma ebda att f'isem Abela, qatt ma assuma l-patroċinju tiegħu formalment f'awla tal-Qorti u qatt ma ttratta mod ieħor il-kontenzjuż f'isem Abela; huwa sempliċement ntalab jassisti lill-Avukat patroċinant tiegħu. Filfatt, l-ewwel seduta fl-imsemmija proċeduri ġudizzjarji hija skedata għat-23 ta' Lulju 2020.*

9. *Biss l-Avukat Bugeja qies illi billi fix-xhur li ġejjin huwa kien se jassisti lil Mario Abela ġewwa l-Qorti (f'kawża totalment separata) u minkejja li kien għadu ma assummiex l-atti, il-korrettezza u t-trasparenza assoluta kienet titlob li jinforma lill-partijiet tramite digriet tat-Tribunal b'dak kollu li kien sar jaf biex il-partijiet imbagħad jagħtu l-veduti tagħhom.*

10. *Kien f'dan il-punt li ġie emmess id-digriet tal-10 ta' Ġunju 2020, li fih kulħadd ġie nfurmat x'kien ġara, inkluż bil-fatt li t-Tribunal kien wasal fi stadju avvanzat tal-prolazzjoni tas-sentenza; dan id-digriet ġie debitament iffirmat mir-rikorrenti. B'reazzjoni għal dan id-digriet, l-Avukat Ian Stafrace, li jassisti lill-appellati fil-proċeduri quddiem it-Tribunal, tenut kont tal-fatt li t-tribunal kif kompost mill-kontendenti kien fi stadju avvanzat tal-prolazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, talab ir-rikuża tal-membri sedenti kollha.*

11. *Kien hawnhekk li r-rikorrenti, inspjegabbilment, bdiet u baqgħet tirrifjuta li tiffirma digriet tar-rikuża tal-membri kollha sedenti fuq it-Tribunal, u baqgħet tinsisti li hekk tagħmel sa ma ressqet dan ir-rikors.* ***Għal xi raġuni stramba il-Perit rikorrenti trid akkost ta' kollox tibqa' mqabbda mal-appell u tiddeċidih hi****.*

12. *Kif jidher minn Doki. EPRT1 u EPRT2, l-Avukat Bugeja nforma lir-rikorrenti x'kienet il-pożizzjoni legali li kienet tiddetta l-għażla tiegħu li jieqaf immedjatament mis-smigħ tal-appell, u ħalla lil kulħadd fil-libertà li jiddeċiedi l-posizzjoni tiegħu. L-Avukat Carlos Bugeja astjena, u l-Perit Roderick Spiteri astjena wkoll. Il-Perit Fiott baqgħet tirrifjuta li tastjeni, u*

*allura b'hekk, ħareġ digriet li bih* ***astjenew biss l-Avukat Bugeja u l-Perit Spiteri.***

*<u>Il-pretensjoni tar-rikorrenti</u>*

13. *Huwa biss loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli.*

14. *Ir-rikorrenti qiegħda f'din l-istanza, tiddikjara li sejra timpunja d-digriet emess mit-Tribunal nhar is-17 ta' Ġunju 2020. Il-mandat odjern huwa filfatt imsejjes unikament fuq din is-sembjanza ta' dritt.*

15. *Ir-rikorrenti sempliċement qiegħda tassumi (ma hemmx kelma oħra) li lilha jispettalha dan id-dritt. Tali assunzjoni tibbażaha unikament fuq nuqqas ta' dixxerniment tal-Liġi.*

*<u>Ir-rekwiżiti għall-akkoljiment tat-talba tar-rikorrenti u l-fatti</u>*

16. *L-esponenti sejrin jibdew b'reċinzjoni tar-rekwiżiti delineati mill-ġurisprudenza tagħna sabiex rikors bħal dan jiġi akkolt sabiex tul l-istess reċinzjoni juri kif il-fatti li taw lok għal dan ir-rikors ma jikkalzawx ir-rekwiżiti legali traċċjati mill-ġurisprudenza.*

17. *L-art. 873(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni; jiġi mfakkar illi l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-ħruġ tal-mandat.*

    *Skont l-art. 873(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

    "Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

18. *Jirriżultaw b'hekk minn dan l-artiklu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:*

    (a) *Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ* periculum in mora - *ara f'dan is-sens <u>Sonia Grech</u>* <u>pro et noe</u> *<u>vs. Stephanie Manfré</u>, Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol.*

*LXXII.ii.290 u 40, Main Street Catering Establishment Limited vs. L-Awtorità tal-Ippjanar, P.A., 02.11.2010.*

*Fil-każ odjern* periculum in mora *ma hemmx 'l għaliex id-digriet tas-17 ta' Ġunju 2020 diġà ġie emess dakinhar stess.*

*Huwa rassodat fil-ġurisprudenza illi "*l-iskop ta' mandat ta' inibizzjoni hu sabiex xi ħadd jiġi miżmum milli jagħmel xi ħaġa li bih jistgħu jiġu leżi drittijiet *prima facie* u li jekk dawn id-drittijiet ma jiġux protetti d-dannu soffert ser ikun irrimedjabbli. F'dan il-każ, anki jekk għal grazzja tal-argument hemm xi dritt x'jiġi protett, dan id-dritt ma jistax jiġi protett b'dawn il-proċeduri billi dak illi qed jintalab jiġi miżmum ġia seħħ u għalhekk ma tistax tiġi utilizzata din il-proċedura għal protezzjoni tad-dritt allegat, iżda semmai proċedura legali oħra.*"*

*- ara f'dan is-sens Qorti Ċivili, Prim'Awla, Onor. Imħallef Mark Chetcuti, seduta tas-6 ta' Frar, 2013, Mandat Numru 134/2012/1, John Mary Grech u martu Mary Ann Grech vs. Michael Galea u martu Josephine Galea. Ara wkoll Qorti Ċivili, Prim'Awla, Onor. Imħallef Jacqueline Padovani Grima, seduta tas-16 ta' Diċembru, 2016, Rikors Numru 1639/2016/1, Joseph Scicluna u Ruth Scicluna eżerċenti l-kummerċ bl-isem ta' Josef Car Hire vs. James Spiteri u Sandra Spiteri.*

*B'żieda mal-premess, u in tema legali l-esponenti jagħmlu riferenza għall-provvediment mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet Dr Joseph Zammit Tabone et. vs Direttur Generali tal-Qrati tal-Gustizzja et fejn ġie ċċitat b'approvazzjoni provvediment mogħti fit-30 ta' Settembru 2015 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet Gordon Grixti Fino v. St.Patrick's Salesian School:*

"Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B'mod partikolari ingħad li "il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skont il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalità li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv tal-imparzjalità,

anke kif mifhum mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli"

*Għad-digriet li minnu qiegħda tilmenta r-rikorrenti strettament ma japplikax l-art. 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta 4(6) KAP 551. Però kif intqal fil-kawża kostituzzjonali Sandro Chetcuti vs Avukat Generali et (12/07/2005):*

"Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok għal rikuża - anzi jista jkun hemm divjiet ta' astensjoni - iżda **tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-individwu bil-konsegwenza li dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi ordinarja**." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96)."

*Kif iddikjarat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et b'sentenza tat-28 ta' April 2016:*

"Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rekuża a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tingħalaq hawn ghax **l-imparzjalità ta' ġudikant hi waħda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigħ xieraq** u kwindi jekk il-liġi ġenerali ma tipprovdix rimedju fejn mistħoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistgħu jiġu invokati biex jekk hu mistħoqq jingħata rrimedju opportun."

*Fis-sentenza moghtija mill-Grand Chamber fit-23 ta' April 2015 fl-ismijiet Morice vs France intqal is-segwenti:*

"In this connection even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public. Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII, and Micallef, cited above, § 98)."

*Fil-fehma tal-esponenti, oġġettivament jeżistu raġunijiet validi sabiex l-intimati Avukat Bugeja u Perit Spiteri mxew mad-dettami tal-Qorti Ewropeja, anke in omaġġ għall-prinċipju legali illi l-ġustizzja mhux biss trid issir iżda trid ukoll tidher li qed issir.*

*Ma jistax ma jingħadx inoltre illi* ai termini *tal-art. 31 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta: "*Fin-nuqqas ta' xi regoli fuq xi kwistjoni, it-Tribunal jista' jirregola l-proċedura tiegħu stess.*"*

*Il-qofol tal-pożizzjoni korretta illi ħadu l-intimati jinġabar fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija mill-STO Prim'Imħallef Mark Chetcuti nhar id-19 ta' Ġunju 2019 (appell numru 9/2019) fil-kawża fl-ismijiet: <u>Kunsill Lokali Pembroke, Kunsill Lokali San Ġiljan, Kunsill Lokali Swieqi, Moviment Graffitti, Friends of the Earth Malta, Żminijietna – Voice of the Left, Din l-Art Ħelwa, Flimkien Għal Ambjent Aħjar, Alison Pullicino, Sonya Tanti, Rita Zammit, Norman Zammit, Mario Sultana, Adrian Grima, Josef Buttigieg, Stephanie Buttigieg, u Arnold Cassola vs L-Awtorità tal-Ippjanar (gia l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawża Silvio Debono għan-nom u in rappreċentanza ta' db San Ġorġ Property Limited</u>, fejn ġie insenjat illi:*

"Il-Qorti tenfazizza li r-rispett u sens ta' rassikurazzjoni f'kull entità pubblika speċjalment dawk fejn hemm proċess ta' aġġudikazzjoni tesiġi minn kull persuna afdata b'din il-mansjoni komportament rett u sieket minn kull svog pubbliku tal-ħsibijiet tiegħu u għandu jesprimi ruħu biss fil-ġudikat bil-vot tiegħu u l-ħsibijiet tiegħu mgħarfa biss bil u fil-ġudizzju responsabbli u motivat għal għanijiet xierqa. (... ) Il-Qorti tara biss f'dan l-episodju li proġett li hu wieħed enormi b'riperkussjonijiet finanzjarji enormi jiġi trattat b'dan il-mod leġġer minn dawk li għandhom id-dmir ma jikkrejaw ebda ostakolu anki involontarju għad-deċiżjoni ġusta u bla ebda perċezzjoni ta' *bias* oġġettiv jew soġġettiv dwar jekk il-proġett jimmeritax jew le approvazzjoni. Ebda ombra ta' dubju apparenti ma għandu jkun hemm f'ebda deċiżjoni fuq talba ta' żvilupp u dan jingħad b'enfasi akbar fuq proġett ta' dan il-kobor li jiġi stutilfikat mhux fuq il-mertu tiegħu iżda fuq leġġerezza ta' komportament li seta' finalment jiġi evitat. (...) Darba li tillaxka l-prinċipju rigoruż ta' responsabiltà assunta bil-pożizzjoni li wieħed jokkupa, tikkrolla ċ-ċertezza ta' trasparenza u nuqqas ta' *bias* rikjesta minn kull aġġudikazzjoni ta' żvilupp, speċjalment dawk ta' portata kbira bħal dan. (...) kull membru fil-funzjoni tiegħu fuq il-Bord tal-Awtorità qed jirrappreżentaw il-kollettività tas-soċjetà u l-interess ġenerali tas-soċjetà fl-iżviluppp li jkun qed jintalab l-approvazzjoni tiegħu. (...) Nuqqas ta' imparzjalità ta' wieħed mill-ġudikanti fil-proċess ta' aġġudikazzjoni jinkwina l-ġudizzju kollu meħud kollettivament. (...) Hu minnu li kull każ irid jittieħed skont il-fattispecie tiegħu però l-Qorti

tenfasizza li l-ġustizzja tesiġi trasparenza ċara u inekwivoka bejn dak li qed jiġġudika ma' dak li qed jigi aġġudikat."

*Proprju in omaġġ ta' dawn id-dettami hija l-"pressjoni" eżerċitata mill-intimat Avukat Carlos Bugeja, "pressjoni" li fil-verità ma hija pressjoni xejn iżda sempliċement eżerċizzju tal-obbligi tiegħu kif imposti mill-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta; huwa proprju għalhekk li din il-liġi tirrikjedi l-presenza ta' avukat fuq it-Tribunal. Apparti minn dan kollu huwa ċar kemm minn Doki. EPRT1 u EPRT2 li l-intimat Avukat Bugeja ħalla lil kulħadd fil-libertà li jagħmel l-għażliet tiegħu kif hu jew hi tħoss xieraq, anke jekk hu kien konvint illi r-rikuża kienet l-għażla ovvja u korretta.*

*(b) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa sabiex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-art. 873 tal- Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju.*

*Una volta jiġi rikonoxxut il-jedd* prima facie *tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-mandat, huwa wieħed* "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat".

*L-element tal-ħtieġa għall-ħruġ ta' mandat bħal dan tintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa. Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*

*Hawnhekk, l-azzjoni tar-rikorrenti tfalli għal kollox. Ma hemm xejn x'jiżdied ma din il-linja argumentattiva.*

*Huwa wkoll paċifiku llum li l-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli – ara f'dan is-sens* ***Angelo Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe****, Rikors Numru 3135/94:*

"... il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata ..."

*Ċertament, ir-rikorrenti tonqos li tgħarraf lil din l-Onorabbli Qorti kif u b'liema mod sejra ssofri ħsara li ma hemmx alternattiva għaliha.*

*Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, inter alia, fil-proċeduri fl-ismijiet Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et (Rikors Nru. 3984/92), Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet Perit John Gambina vs. Fithome Limited, P.A., 28.01.2005.*

*(c)* *ikun jidher* prima facie *li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk* prima facie, *biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib – kif* del resto *huwa dak tar-rikorrenti. Dwar il-prova tal-jedd* prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré (4.07.1988, Kollez. LXXII.II.295) qalet:*

"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

*Kif sewwa ngħad f'Vincent Merccieca vs George Galea (29.11.2001 Prim'Awla RCP) ir-rekwiżit li l-mandat kawtelatorju jrid ikun* prima facie *ġustifikat il-Qorti trid tkun gwidata mill-bilanċ delikat bejn żewġ prinċipji: minn naħa l-waħda dak li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab kif ġieb u laħaq, u min-naħa l-oħra l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*

*Dwar l-interess tar-rikorrenti, u allura l-jedd tagħha, l-istanti ma jistgħux ma jissoffermawx ruħhom fuq dak espress mir-rikorrenti fil-premessa numru għoxrin tar-rikors odjern. Jibda biex jingħad illi hawn si tratta ta' appell wieħed – x'għadhom x'jaqsmu l-"(...)* appelli pendenti u futuri assenjati lill-esponenti", *l-istanti ma jistgħux jifhmu.*

*Imbagħad, fl-istess premessa r-rikorrenti timpernja l-jedd li tiegħu qiegħda tfittex il-protezzjoni b'dan il-mandat fuq l-obbligu (u mhux id-dritt) impost fuqha mill-art. 8(1) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Ebda fatt li wassal għal dan ir-rikors ma lleda dan l-obbligu mpost fuq ir-rikorrenti biex wieħed ma jistax ma jistaqsix* ***fejn huwa verament l-interess tar-rikorrenti*** *f'dawn il-proċeduri. Huwiex interess personali l-intimati ma jafux. Daqstant ieħor ma jafux huwiex xi forma ta' nteress naxxenti minn "*kontroll jew direzzjoni ta' xi

persuna" *oħra hekk kif jipprojbixxi l-art. 4 (8) tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta. Li jafu imma l-intimati huwa li ċertament ma huwiex jedd li bih hija mogħnija r-rikorrenti.*

*(d) Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza.*

*(e) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet <u>Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici (</u>P.A., 25.01.2005):*

"Illi ... l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."

*(f) Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (*arm twisting*) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd* prima facie *tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. L-esponenti huma tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din – ara sentenza fl-ismijiet <u>Avukat Dr John Gauci vs. Direttur tal-Kuntratti</u>, P.A., 18.07.2008.*

*Proprju dan għamlet ir-rikorrenti. Qiegħda b'kull dovut rispett tipprova taqleb ta' taħt fuq dak li jiddisponi l-art. 217 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mhux qabel, iżda wara l-għoti tal-ġudizzju. Apparti dan, hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn* ***membru tat-Tribunal - mhux parti - qiegħed jittenta jottjeni xi forma ta' ordni kontra l-membri l-oħrajn u s-Segretarja tat-Tribunal, għax ma qablitx mad-deċiżjoni, li wara kollox, lanqas tinkludi astensjoni tagħha, iżda biss taż-żewġ membri l-oħra****.*

*L-istanti jfakkar lil din l-Onorabbli Qorti illi huwa prinċipju mgħasses mil-Qrati taghna illi:*

"Il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, però, m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw." *(Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut; Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiża fil-5 ta' Gunju, 2003).*

*Huwa proprju dan illi għamlet ir-rikorrenti meta ntavolat mandat għal kollox mingħajr bażi fattwali u/jew legali. L-esponenti jfakkar illi l-mandati kawtelatorji ġew deskritti mill-Qorti tal-Appell bħala 'odjużi' u dan għaliex jinħarġu qabel il-ġudizzju finali (Angelo Joseph Said v. Ronald Said, Qorti tal-Appell; deċiża fit-8 ta' Marzu 1968); huma aktar u aktar odjużi meta jinħarġu bil-mod kif ġie mitlub li jinħareġ dak odjern. F'ġudizzju riċenti din l-Onorabbli Qorti kkundannat l-użu ta' din il-proċedura minn rikorrenti li kien "*trigger happy*" u ddiskriviet ir-rikors bħala "*xejn għajr manuvri biex jiddemoralizzaw u joħolqu anzjetà bla bżonn*" (Grace Borg et v. Public Broadcasting Services Limited et; Qorti Ċivili, Prim'Awla; deċiża fis-16 ta' Diċembru 2013).*

19. *Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma* ***kumulattivi mhux alternattivi****. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat – ara f'dan is-sens Marica Cassar et vs. Del Sol Properties Limited, P.A., 27.12.16.*

20. *L-esponenti jfakkru li hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel din il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li jeħtiġilha tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprija – ara f'dan is-sens Joseph Camilleri et vs Anthony Gové et, provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-10 ta` Mejju 2001. Ara wkoll f'dan ir-rigward Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-5 ta' Ġunju, 2003; Francis Spiteri et vs Charles Darmanin et provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-25 ta` Awwissu 2010; Globalair Travel Ltd (C5893) vs Tomie McCarthy gia Makita et provvediment mogħti fit-2 ta' Jannar, 2016.*

*B'riżerva ta' kull eċċezzjoni ulterjuri u ta' kull azzjoni spettanti lill-esponenti."*

Rat ir-Risposta tal-intimata **Dorianne Ciantar, Segretarja tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar** (minn issa 'l quddiem "l-intimata s-

Segretarja tat-Tribunal"), ippreżentata fl-24 ta' Ġunju, 2020, li tgħid is-segwenti:

*"Illi l-esponenti umilment tirrileva li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ tal-mandat odjern u dan abbażi tas-segwenti raġunijiet:*

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti mhijiex leġittimu kontradittur, stante li minkejja li* ai termini *ta' artikolu 54 tal-Kap. 551 tal-Liġijiet ta' Malta, is-Segretarju huwa l-persuna fdat bir-rappreżentanza legali u ġuridika tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, l-istess Tribunal huwa vestit b' personalità ġuridika u kwalunkwe proċeduri li għandhom isiru kontra l-istess Tribunal, għandhom isiru kontra it-Tribunal f'ismu propju u mhux kontra ir-rappreżentant legali u ġuridiku innifsu;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost qed jiġi sottomess li t-talba għall-mandat odjern ma tissodisfax ir-rekwiżiti li l-Qrati Maltin, matul iż-żmien stabilixxew li għandhom ikunu preżenti f'rikors ta' din ix-xorta. Issir referenza għall-provvediment fl-ismijiet '*Federation of English Language Teaching of Malta (FELTOM) et vs Ministru għall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u tibdil fil-Klima et' *mogħti fid-9 ta' Ġunju 2016:*

   *"*Minn analiżi tas-subinċiżi (1), (2) u (3) tal-Art 873 tal-Kap 12 kif inhuma llum, wieħed isib illi din il-Qorti hija prekluża milli ("m'ghandhiex") tordna l-ħruġ tal-Mandat kontra l-Ministri ntimati - jew min minnhom - kif qegħdin jirrikjedu r-rikorrenti, sakemm ma jirrikorrux dawn ir-rekwiziti:-

   i) Illi l-Mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;
   ii) Illi r-rikorrenti *prima facie* jidher li għandhom dawk il-jeddijiet;
   iii) Illi jrid ikun hemm konferma mill-intimati fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li tagħha qed tintalab iż-żamma tkun fil-fatt maħsuba li ssir;
   iv) Illi l-qorti tkun sodisfatta li l-preġudizzju li jinħoloq lir-rikorrenti, kemm -il darba ma jinħariġx il-Mandat, ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li r-rikorrenti jitolbu li tiġi miżmuma."

3. *Illi ġie wkoll ritenut illi mandat ta' inibizzjoni "*huwa mezz eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli … It-tiftix li trid tagħmel il-**Qorti huwa jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrenti, jistax jintilef**

**darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat"**

4. *Illi dawn il-proċeduri ġew intavolati proprju wara li dak li qed jiġi mitlub li ma jseħħx, fattwalment kien diġa seħħ. Dan qed jingħad fid-dawl li r-rikorrenti qiegħda titlob li l-esponenti tiġi miżmuma milli teżegwixxi d-digriet datat s-sbatax (17) ta' Ġunju fl-Appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-ippjanar, b'numru ta' referenza 00456/19, fl-ismijiet Carmelo Abela u Mario Abela vs Awtorità tal-Ippjanar u Patrick Guntrip, proprju wara li l-istess digriet ġie ppubblikat. Id-digriet daħal in effett mal-mument li dan ġie ppubblikat u ċioe nhar is-17 ta' Ġunju, 2020 u fid-dawl ta' dan huwa għal kollox inkonċepibbli kif ir-rikorrenti qed tirrikorri għall-proċedura ta' mandat ta' inbizzjoni.*

   *Illi l-iskop ta' mandat ta' inbizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li kien bi ħsiebu jagħmel (fn. 1 Ara sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, nhar is-7 ta' Frar, 2020, Rikors Inibizzjoni Numru 50/2020 RGM, fl-ismijiet 'Fish and Fish Limited vs Direttur Ġenerali Sajd u Akwakultura u Avukat tal-Istat). L-azzjoni li r-rikorrenti qiegħda, permezz tar-rikors odjern tattakka, seħħet qabel ġew intavolati dawn il-proċeduri. Inoltre qed jiġi rilevat li t-Tribunal kif kompost diġà ġie rikużat b'effett tad-digriet tas-17 ta' Ġunju, 2020 u minflok ġie appuntat Tribunal kompost minn membri diversi minn dak kif oriġinarjament kompost. Fid-dawl ta' dan m'huwiex ċar fejn qiegħda tipprova tasal ir-rikorrenti bil-proċeduri odjerni. Għaldaqstant l-ewwel rekwiżit riferut aktar 'l fuq m'huwiex preżenti;*

5. *Illi t-tieni rekwiżit rikjest fi proċeduri ta' din ix-xorta u li ma huwiex preżenti fir-rikors tal-mandat huwa l-jedd tar-rikorrenti li l-mandat in kwistjoni se jkun qed jissalvagwardja f'każ li dan jiġi milqugħ.* ***Artikolu 873(2)*** *tal-Kap. 12 tal-Liġijet ta' Malta jagħmilha ċara li "*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijet.*"*

6. *Minn analiżi tar-rikors in kwistjoni ma joħroġx ċar x'inhu l-jedd li r-rikorrenti tħoss li ser jinkisrilha. Ir-rikorrenti tissottometti li li wieħed ikun f'posizzjoni li jiddeċiedi kawżi, m'huwiex dritt iżda dmir u privileġġ. Li wieħed iqis li għandu dritt li jiġġudika kawża huwa problematiku. Għaldaqstant m'huwiex ċar xi dritt qed jiġi lamentat li qed jiġi miksur. Fid-dawl ta' dan issir referenza għal digriet kamerali mogħti minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta, nhar l-14 ta' Novembru, 2018, fil-kawża bl-ismijiet '*Lay Lay Company Limited vs

Carmelo Camilleri *et' b'numru ta' referenza 1352/2018 GM, fejn intqal "*Kull ma jinħtieġlu jagħmel hu li juri li għandu jedd *prima facie*, ċjoé r-rekwiżit numru (2) fuq imsemmi. Saru diversi attentati, kemm fid-dottrina kif ukoll fil-ġurisprudenza, sabiex jiġi stabbilit sewwa sew xi jfisser jedd *prima facie*. **Ovvjament qabel xejn irid ikun hemm jedd**, u mhux sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib."

7. *Illi element fundamentali ieħor tal-proċedura ta' mandat ta' inbizzjoni huwa li dik il-ħaġa li persuna tkun qed titlob li ma ssirx, għandha tkun ta' preġudizzju għaliha. Minn qari akkurat tar-rikors in kwistjoni ma joħroġx ċar xi preġudizzju irrimedjabbli ser issofri ir-rikorrenti bir-rikuża tal-Avukat Carlos Bugeja u l-Perit Roderick Spiteri. Dan it-tali preġudizzju għandu jkun wieħed sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li r-rikorrenti jitolbu li tiġi miżmuma. Kif ser jiġi sostanzjat aktar 'l isfel, meta wieħed jikkunsidra l-preġudizzju li jista' jinħoloq, proprju jekk il-membri fl-appell numru 00456/19 ma jirrikużawx ruħhom, jista' jkun ferm akbar minn kwalunkwe preġudizzju li r-rikorrenti tista' ssofri jekk ma jintlaqax il-mandat odjern;*

8. *Illi l-mandat intavolat immur kontra d-dettami ta'* ***artikolu 873(3)*** *tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-liġi tagħmilha ċara li l-qorti m'għandha toħroġ ebda mandat kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, bħal ma hija l-esponenti fil-proċeduri odjerni, "*kemm-il darba l-awtorità jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħariġx il-mandat, il-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

   *Illi r-rikorrenti, fir-rikors tagħha, injorat dan ir-rekwiżit statutorju u proċediet bi proċeduri ta' mandat fil-konfront tal-esponenti minkejja in-nuqqas evidenti ta' dan l-element.*

9. *Illi fil-mertu ir-rikorrenti tissottometti li r-rikuża tal-intimati, kollegi tagħha fuq it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, kienet waħda li ma hijiex konformi mal-liġi u li t-tali aġir huwa wieħed arbitrarju. Illi qabel xejn, tajjeb li jiġi rilevat li r-rikorrenti stess qablet mad-digriet tal-għaxra (10) ta' Ġunju u saħansitra infurmat lill-esponenti b'dan. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kienet qiegħda taqbel mal-azzjoni li l-kunflitt li Dr. Carlos Bugeja ħass li kellu, kellu jiġi mgħarraf lill-partijiet fil-kawża. In segwitu tal-imsemmi digriet, wieħed mill-*

*partijiet, tramite l-avukat tiegħu Dr. Ian Stafrace, preżenta l-oġġezzjoni tiegħu li l-kawża in kwistjoni tiġi deċiża mill-Bord kif kompost, ossia mill-intimati Dr. Bugeja, l-Perit Roderick Spiteri u r-rikorrenti. Il-fatt biss li kien hemm oġġezzjoni, minn parti fil-kawża, sabiex il-membri tal-bord jiġu rikużati tagħti l-konvinzjoni morali li t-tali rikuża kienet waħda meħtieġa. Din id-darba mhux biss għax għandek membri tal-bord li jħossu li għandhom jirrikużaw ruħhom, iżda għax għandek ukoll parti f'kawża li tħoss li dawk il-membri għandhom kunflitt.L -aġir tar-rikorrenti li taqbel mad-digriet tal-10 ta' Ġunju, u għaldaqstant li tinforma lill-partijiet bil-kunflitt preżenti u tagħti l-opportunità li jippreżentaw l-pożizzjoni tagħhom, u li ma taqbilx mad-digriet tas-17 ta' Ġunju wara li kellek parti fil-kawża li proprju oġġezzjonat li l-kawża tiġi deċiża mill-bord kif kompost hija inkonċepibbli.*

10. *Illi r-rikorrenti targumenta li l-kunflitt in kwistjoni ma jissodisfax il-kriterji tal-Liġi Maltija stante li ma huwiex wieħed mir-raġunijiet misjuba f'artikolu 734 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward qed jiġi sottomess li qabel xejn il-kriterju ta' imparzjalità huwa impost mill-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea, fejn f'din tal-aħħar, il-kriterji huma wisq aktar stringenti mill-kriterji imposti mill-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

11. *Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diġà kellha opportunità li tikkummenta u tiddeċiedi fuq kwistjonijiet simili, fejn ma llimitatx ruħha għal dak li jipprovdu r-regoli ta' proċedura lokali, iżda marret 'l fuq minn dawn biex tara jekk hemmx tassew rispett lejn l-imparzjalità u, wkoll, id-dehra ta' imparzjalità ġudizzjarja. Tkun qed tonqos, ir-rikorrenti, jekk tinjora għal kollox kunċett fundamentali fil-kamp legali u ċioe dak li ħareġ minn sentenza mill-Qrati Ingliżi, '*R vs Sussex Justices' *fejn ġie stabbilit li "*Not only must Justice be done; it must also be seen to be done";

12. *Issir għalhekk referenza għas-sentenza "Micallef vs Malta" mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar il-15 ta' Ottubru 2009 fejn ingħad kif ġej:*

    *98. In this respect even appearances may be of a certain importance or, in other words, "justice must not only be done, it must also be seen to be done" (see De Cubber, cited above, § 26). What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public.* ***Thus, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw*** *(see Castillo Algar v. Spain, 28 October 1998, § 45, Reports 1998-VIII).*

*99. Moreover, in order that the courts may inspire in the public the confidence which is indispensable, account must also be taken of questions of internal organisation (see Piersack v. Belgium, 1 October 1982, § 30 (d), Series A no. 53). The existence of national procedures for ensuring impartiality, namely rules regulating the withdrawal of judges, is a relevant factor. Such rules manifest the national legislature's concern to remove all reasonable doubts as to the impartiality of the judge or court concerned and constitute an attempt to ensure impartiality by eliminating the causes of such concerns. In addition to ensuring the absence of actual bias, they are directed at removing any appearance of partiality and so serve to promote the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public (see Meznaric cited above, § 27). The Court will take such rules into account when making its own assessment as to whether a tribunal was impartial and, in particular, whether the applicant's fears can be held to be objectively justified (see, mutatis mutandis, Pescador Valero v. Spain, no. 62435/00, §§ 24-29, ECHR 2003-VII).*

*2. Application to the present case*

*100. The Court notes that specific provisions regarding the challenging of judges* ***were set out in Article 734 of the Code of Organisation and Civil Procedure*** *(see paragraph 28 above). The Grand Chamber, like the Chamber, cannot but observe that* ***Maltese law as it stood at the time of the present case was deficient on two levels.*** *Firstly, there was no automatic obligation for a judge to withdraw in cases where impartiality could be an issue, a matter which remains unchanged in the law in force at present. Secondly, at the time of the present case the law did not recognise as problematic – and therefore as a ground for challenge – a sibling relationship between judge and advocate, let alone that arising from relationships of a lesser degree such as those of uncles or aunts in respect of nephews or nieces. Thus, the Grand Chamber, like the Chamber, considers that the law in itself did not give adequate guarantees of subjective and objective impartiality.*

13. *Il-Qorti Ewropea provdiet ukoll test oġġettiv ta' imparzjalita f'dan il-konfront fejn fis-sentenza fl-ismijiet "*Hauschidt vs Denmark*" mogħtija nhar l-24 ta' Mejju 1989, il-Qorti emfasizzat li:*

*48. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct,* ***there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect, even appearances may be of a certain importance****. What is at stake is the confidence which the courts in a*

*democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused.* ***Accordingly, any judge in respect of whom there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw.***

14. *Fl*-ENCJ Working Group Judicial Ethics Report (2009-2010) *ġie stabbilit li:*

*To guarantee impartiality, the judge:*

- *Fulfils his judicial duties without fear, favouritism or prejudice;*
- *Adopts, both in the exercise of his functions and in his personal life, a conduct which sustains confidence in judicial impartiality and minimises the situations which might lead to a recusal;*
- *Recuses himself from cases when:*
    - *he cannot judge the case in an impartial manner in the eyes of an objective observer;*
    - *he has a connection with one of the parties or has personal knowledge of the facts, has represented, assisted or acted against one of the parties, or there is another situation which, subjectively, would affect his impartiality;*
    - *he or a member of his family has an interest in the outcome of the trial. (fn. 2 Emfasi miżjud)*

15. *Inoltre, fis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Lulju 2005 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjoniali fl-ismijiet "**Sandro Chetcuti vs l-Avukat Generali**", dik l-Onorabbli Qorti qalet li:*

*"Anke jekk skont id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok għal rikuża - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - iżda tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-individwu bil-konsegwenza li dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-liġi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali Sant vs Kummissarju tal-Pulizija 2/4/90; Cachia vs Onor. Prim Ministru et 10/10/91; Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96).*

*"....Indipendentement mill-fatt jekk iċ-ċirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuża tal-ġudikant skont il-liġijiet ta' proċedura.* ***Il-parametri ta' dawk il-liġijiet għandhom jitqiesu li twessgħu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni***

***Ewropea li jiggarantixxu s-smigħ xieraq****. Irid għalhekk jiġu interpretati fl-ispirtu tagħhom u fil-dawl tal-prinċipji enunċjati fil-ġurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropea." (Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et fis-17 ta' Lulju 1996 (Kost).*

*"**Il-Qorti għalhekk trid teċamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jista' jkun hemm** "**bias**" **fil-ġudikant li jirrendi l-operat tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali.** L-aforisma* "justice must not only be done but must be seen to be done" *trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari. [PA (Sede Kostituzzjonali) Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et 1/11/96; ara wkoll E.T. Rev. Mons. Arcisqof G. Mercieca pro et vs Onor. Prim Ministru noe et 22/10/1984 Kost.].*

16. *Fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna ġie aċċettat għalhekk li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eċċezzjonali, li b'interpretazzjoni stretta ma jkunux koperti taħt l-Artikolu 734 tal-Kap. 12, fejn ikun obbligu ta' astensjoni, u dan fuq il-mudell tal-Kodiċi ta' Proċedura Penali Taljan viġenti, ċioe meta jkun hemm dawk li f'dak il-kodiċi jissejħu "*altre grave ragioni di convenienza*. (fn. 3 Ara is-sentenza fl-ismijiet* John Mary Chircop vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et *u s-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2000 fl-*ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Meinrad Calleja) *"Konvenjenza" hawnhekk għandha s-sinjifikat ta' "conviene" (bit-Taljan), ċioe li hekk għandu jsir, hekk huwa xieraq li jsir, u tirreferi għal dawk ir-raġunijiet jew ċirkostanzi eċċezzjonali, oġġettivament riskontrabbli, li għalkemm ma jissemmewx espressament f'xi kap tal-Artikolu 734 tal-Kap. 12, ikunu ġuridikament rilevanti peress li oġġettivament joħolqu suspett fondat dwar l-imparzjalità tal-ġudikant, ċioe suspett li jegħleb il-presunzjoni qawwija li ġudikant huwa dejjem kapaċi li jogħla 'l fuq, u jiddistakka ruħu minn ċertu ċirkostanzi*

17. *Fid-dawl ta' dan l-esponenti tissottometti li mxew b'mod ġust l-intimati Dr. Bugeja u l-Perit Spiteri fl-aġir tagħhom li jirrikużaw ruħhom mit-Tribunal kif kompost. Bil-kontra, kienu joħolqu sitwazzjoni problematika kieku wara li taw id-digriet tal-10 ta' Ġunju u wara li ġiet preżentata oġġezzjoni minn parti f'kawża jiddeċiedu li jinjoraw dan kollu u jipproċedu bil-pubblikazzjoni tas-sentenza. Għaldaqstant, l-esponenti ma tistax taqbel mat-teżi tar-rikorrenti meta tissottometti li d-digriet tas-17 ta' Ġunju kien wieħed li jmur kontra l-liġi u li jippreġudikalha d-drittijiet tagħha. Dan fid-dawl tal-fatt li minkejja li hi* per se, *ma jidher li għandha ebda relazzjoni ma xi wieħed mill-partijiet fil-kawża, il-fatt li kkonsultat ma' persuna li għandu kunflitt iddikjarat u li dik il-konsulta*

> *setgħet b'xi mod taffettwalha l-ħsibijiet tagħha, hija minnha nfisha okkażjoni li toħloq kunflitt u li tista' timmina mix-xogħol siewi li jkun sar mill-istess Tribunal.*

*Illi għalhekk, in vista ta' dak suespost, l-esponenti ssostni li m'hemm ebda raġuni valida fil-liġi għala din l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti u toħroġ il-mandat b'mod definittiv u għaldaqstant l-istess esponenti qiegħda umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talba b'mod definittiv.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2020, fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali, li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz tat-talba tagħha għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti qiegħda tittenta żżomm lill-intimati milli jeżegwixxu d-digriet tas-17 ta' Ġunju, 2020, li permezz tiegħu l-Appell Numru 00456/19 fl-ismijiet **Carmelo Abela (K.I. nru. 502856M)** u **Mario Abela (K.I. nru 631861M)** ***vs.*** **Awtorità tal-Ippjanar u Patrick Guntrip**, li kien qed jinstema' mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kostitwit permezz tal-intimat il-Perit Roderick Spiteri

bħala *chairman*, u l-intimat l-Avukat Carlos Bugeja u r-rikorrenti bħala membri, jiġi differit għat-23 ta' Ġunju, 2020, quddiem l-imsemmi Tribunal kif diversament kompost. It-Tribunal kif kien kompost kien ġie assenjat l-appell imsemmi fis-17 ta' Frar, 2020, għas-smigħ u għall-eventwali deċiżjoni. Kontestwalment mal-preżentata ta' dak l-appell ġie wkoll ippreżentat rikors sabiex tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-permess PA4411/09 sal-ġurnata li jiġi deċiż l-appell, u t-Tribunal laqa' t-talba permezz tad-digriet tiegħu tal-20 ta' Mejju, 2020. L-appell ġie differit għad-deċiżjoni, iżda proprju, tgħid ir-rikorrenti, fil-jum tal-10 ta' Ġunju, 2020, meta tali deċiżjoni kellha tingħata, hija ġiet infurmata minn uffiċjal tas-segretarjat tat-Tribunal li s-seduta ma kinitx ser issir u li d-deċiżjoni ma kinitx ser tingħata. Wara li bagħtet messaġġ permezz tal-*mobile* lill-intimat l-Avukat Carlos Bugeja, dan weġibha li huwa kien minn jeddu ser joħroġ digriet fl-10 ta' Ġunju, 2020, u infurmaha wkoll bil-kontenut tiegħu illi huwa kien qed jassisti lill-Avukat Natalino Caruana DeBrincat fil-patroċinat ta' wieħed mill-appellanti Mario Abela f'kawża ċivili, u b'hekk xtaq iġib dan a konjizzjoni tal-partijiet bi żmien jumejn sabiex jiddikjaraw jekk joġġezzjonawx li l-każ jitkompla jinstema' mit-Tribunal kif kien kompost. Ir-rikorrenti ntalbet l-għada mill-intimata Segretarja tat-Tribunal sabiex tiffirma dan id-digriet, kif fil-fatt għamlet. Kemm dan id-digriet, kif ukoll ir-risposta tal-Avukat Ian Stafrace għall-applikant fejn kien qed jinsisti fuq ir-rikuża tat-tliet membri tat-Tribunal, ma ġewx *uploaded online,* iżda hija minn jeddha ottjeniet kopja ta' din ir-risposta. F'dan l-istadju l-Avukat Carlos Bugeja beda jinsisti magħha u mal-membru l-ieħor sabiex jingħata digriet ieħor mit-Tribunal li permezz tiegħu t-tliet membri jastjenu u l-appell jinstema' quddiem it-Tribunal kif diversament kompost. Ir-rikorrenti ma aċċettatx 'il għaliex fil-

fehma tagħha d-digriet propost kien ser jikser id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 4(6) u tas-subartikolu 4(8) tal-Kap. 551. Iżda ż-żewġ membri l-oħra għaddew sabiex iffirmaw u ħarġu d-digriet tas-17 ta' Ġunju, 2020, mingħajr il-firma u l-kunsens tagħha, fejn iddikjaraw li huma kienu qegħdin jastjenu milli jkompli jisimgħu l-appell filwaqt li ddifferewh għat-23 ta' Ġunju, 2020, biex jinstema' mit-Tribunal kif diversament kompost. Min-naħa tagħha r-rikorrenti qiegħda ssostni li b'hekk l-intimati membri l-oħra tat-Tribunal irrikużaw arbitrarjament lilha wkoll bi ksur flagranti tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 551 u b'mod li stultifikaw għalkollox l-istitut tar-rikuża partikolarment b'riferiment għas-subartikolu 738(2) u l-artikolu 739 tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti tirrileva li jekk l-appell kellu jinstema' fit-23 ta' Ġunju, 2020 minn Tribunal diversament kompost, dan kien ser iwassal għal preġudizzju irrimedjabbli u arbitrarju fil-konfront tagħha billi ma titħalliex teżwegixxi d-dmirijiet tagħha skont il-ġurament li ħadet *ai termini* tas-subartikolu 8(1) tal-Kap. 551, anki f'kull appell pendenti u futuri li jiġu assentjati lilha.

Min-naħa tagħhom l-intimati membri qegħdin jopponu għat-talba tar-rikorrenti u filwaqt li jagħmlu riferiment għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, jissottomettu illi: (a) id-digriet tas-17 ta' Ġunju, 2020, diġà ġie emess, saħansitra dakinhar stess; (b) l-azzjoni tar-rikorrenti tfalli għaliex hemm nieqes l-element tal-preġudizzju; (ċ) irid ikun jidher *prima facie* li r-rikorrenti għandha jedd; (d) il-mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali li m'għandux jintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel; u (e) ir-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat huma kumulattivi mhux alternattivi.

L-intimata s-Segretarja tat-Tribunal ukoll toġġezzjona għat-talba tar-rikorrenti, b'mod preliminari għaliex hija mhijiex il-leġittimu kontradittur peress li t-Tribunal kellu jitħarrek f'ismu proprju u tissottometti wkoll li t-talba ma saritx skont dak li jirrikjedi is-subartikolu 873(3) tal-Kap. 12. Tirrileva ukoll li t-talba għall-ħruġ tal-mandat ma tissodisfax ir-rekwiżiti rikonoxxuti mill-Qrati Maltin għaliex (a) dak mitlub li jinżamm diġà seħħ; (b) mhux ċar il-jedd li r-rikorrenti qed tallega li ser jinkisrilha u l-preġudizzju irrimedjabbli li allegatament ser issofri; (a) fil-mertu, ġaladarba kien hemm oġġezzjoni minn wieħed mill-partijiet, ir-rikuża kienet meħtieġa; (b) il-kriterju ta' imparzjalità kien impost mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea, fejn f'din tal-aħħar il-kriterji huma ferm aktar stringenti minn dawk imposti mill-Kap. 12, li għalih tagħmel riferiment ir-rikorrenti; (ċ) ir-rikorrenti kienet ikkonsultat ma' persuna li kellha kunflitt iddikjarat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors tagħha r-rikorrenti ppreżentat diversi dokumenti fir-rigward tal-appell nru 456/19, inkluż kopja tal-*case details* tal-permess għall-iżvilupp nru PA4411/09 mertu ta' dak l-appell[1]; kopja tar-rikors tal-appell innifsu ppreżentat minn Mario u Carmelo Abela[2]; kopja tar-rikors ippreżentat mill-istess appellanti lit-Tribunal għas-sospensjoni tal-PA4411/09[3]; kopja tad-digriet tat-Tribunal mogħti fl-20 ta' Mejju, 2020, fejn ġiet milqugħa t-talba għas-sospensjoni[4]; kopja tal-verbal tas-seduta tat-Tribunal tal-10 ta' Marzu,

[1] *A fol.* 8 tal-proċess.
[2] *A fol.* 12 tal-proċess.
[3] *A fol.* 19 tal-proċess.
[4] *A fol.* 21 tal-proċess.

2020[5]; kopja tar-risposta tal-appellat/applikant in segwitu għad-digriet tal-intimati membri tas-17 ta' Ġunju, 2020, fejn stqarr li jkun opportun li l-membri kollha tat-Tribunal jirrikużaw ruħhom[6]; kopja tar-risposta tal-appellanti fejn irrimettew ruħhom għad-deċiżjoni[7]; kopja tal-verbal tas-seduta tat-Tribunal tat-3 ta' Ġunju, 2020, fejn l-appell ġie diferit għal deċiżjoni flimkien ma' kopja tax-xhieda li ngħatat waqt dik is-seduta[8]; kopja ta' diversi *emails* skambjati bejn it-tliet membri tat-Tribunal[9]; kopja tal-*email* datata 15 ta' Ġunju, 2020 li r-rikorrenti bagħtet lis-Segretarju tat-Tribunal[10]; kopja tad-digriet mogħti mill-intimati membri fis-17 ta' Ġunju, 2020[11], u kopja tal-ġurament tal-ħatra tar-rikorrenti.[12]

L-intimati membri min-naħa tagħhom esebew flimkien mar-risposta tagħhom, kopja tal-iskambju ta' messaġġi li sar bejnhom u r-rikorrenti permezz tal-*mobile* fl-10 ta' Ġunju, 2020, u fil-15 ta' Ġunju, 2020[13], u kopja tal-*email* datata 15 ta' Ġunju, 2020 li bagħat l-intimat l-Avukat Carlos Bugeja lill-intimat Perit Roderick Spiteri, lir-rikorrenti u lit-Tribunal.[14]

Waqt l-udjenza tas-26 ta' Ġunju, 2020, xehdet l-intimata s-Segretarja tat-Tribunal **Dorianne Ciantar**[15] prodotta mir-rikorrenti, fejn ippreżentat kopja tal-atti tal-appell li kien qed jinstema' mit-Tribunal u li ġiet immarkata Dok. DC1. Ix-xhud spjegat li s-sistema fejn isir *uploading* tal-proċeduri fuq il-*website* hija

[5] *A fol.* 25 tal-proċess.
[6] *A fol.* 26 tal-proċess.
[7] *A fol.* 27 tal-proċess.
[8] *A fol.* 28 tal-proċess.
[9] *A fol.* 48 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 60 tal-proċess.
[11] *A fol.* 61 tal-proċess.
[12] *A fol.* 62 tal-proċess.
[13] A fol. 80 *et seq.* tal-proċess.
[14] *A fol.* 85 tal-proċess.
[15] *A fol.* 96 *et seq.* tal-proċess.

separata minn dik tal-Awtorità tal-Ippjanar, għaliex il-*website* hija waħda separata. Qalet li hemm *back log* enormi f'dan ix-xogħol għaliex l-i*staff* kien wieħed żgħir u anki għaliex ix-xhieda kienet tiddependi mill-fatt li jsiru t-*transcripts.* Ix-xhud ma kinitx taf tgħid għaliex ir-risposta tal-Avukat Ian Stafrace ma kinitx ġiet *uploaded* u l-istess fir-rigward ta' *email* tal-intimat l-Avukat Carlos Bugeja. Filwaqt li spjegat li s-soltu ma tingħatax data għal deċiżjoni, iddikjarat li l-appell ma kienx differit għad-deċiżjoni għall-10 ta' Ġunju, 2020, u kienu għadhom ser jagħtu data għaliha. In kontroeżami kkonfermat li ma kinitx tingħata data għad-deċiżjoni u din kienet tintbagħat permezz tal-posta.

Waqt l-istess udjenza xehdet ir-rikorrenti il-**Perit Alessandra Fiott**[16] minn jeddha. Spjegat li l-appell kien wasal fl-istadju fejn id-deċiżjoni diġà kienet ġiet abbozzata u saħansitra kien hemm qbil fuqha wara li għaddiet għand kull membru tat-Tribunal. Id-deċiżjoni kellha titħabbar fl-10 ta' Ġunju, 2020, meta kien ser jagħlaq it-terminu tas-sospensjoni tal-permess li kien ta' tliet xhur. Iżda proprju dakinhar stess l-intimat l-Avukat Carlos Bugeja skopra li huwa kien ser jassisti wieħed mill-partijiet xahar wara f'kawża, u ħass li kellu jirrikuża lilu nnifsu. L-istess għamel l-intimat il-Perit Roderick Spiteri wara li l-intimat l-Avukat Carlos Bugeja ħass li hekk kellu jkun il-każ, iżda r-rikorrenti min-naħa tagħha ma qablitx ma' dan. Hija għalhekk ħassitha li kienet ġiet irrikużata kontra l-volontà tagħha bid-digriet li ngħata u b'hekk ma setgħetx taqdi d-dmirijiet tagħha fl-appell inkwistjoni u f'appelli oħra pendenti u futuri, peress li tista' wkoll tiġi rikużata fihom bl-istess mod. Fil-fehma tagħha

[16] *A fol.* 100 *et seq.* tal-proċess.

ġaladarba l-intimat l-Avukat Carlos Bugeja sa dakinhar ma kien jaf b'xejn, id-deċiżjoni ma setgħetx ġiet influwenzata u żiedet tgħid li ġudikant kellu jiddeċiedi għalih jirrikużax ruħu jew le. Spjegat li hija kienet saqsiet lil oħtha Dr Nadia Bezzina Fiott għal parir u kompliet issostni li d-digriet tas-27 ta' Ġunju, 2020, kien laqat lilha sew għaliex permezz tiegħu ma kinitx ser titħalla taqdi d-dmir li kienet ġiet assenjata għalih u b'hekk kienet ser issofri preġudizzju.

Waqt fl-udjenza tat-3 ta' Lulju, 2020, xehed bil-ġurament **Dr Carlos Bugeja** prodott mir-rikorrenti.[17] Ikkonferma li l-membri tat-Tribunal kienu ftiehmu bejniethom li l-appell jiġi differit għal deċiżjoni għall-10 ta' Ġunju, 2020, għaliex skont il-liġi kien hemm terminu ta' tliet xhur ġaladarba ġie milqugħ ir-rikors tas-sospensjoni tal-permess. Spjega li ma kinitx il-prassi li fil-verbal tingħata data għad-deċiżjoni, b'dana li jista' jkun li dakinhar tal-aħħar seduta tal-appell it-Tribunal kien informa lill-partijiet li kien ser isir mill-aħjar sabiex id-deċiżjoni tingħata fl-10 ta' Ġunju, 2020. Ikkonferma li d-deċiżjoni kienet inkitbet mir-rikorrenti u kien hu li qalilha li kienet eċċellenti, filwaqt li kien ukoll għamel xi korrezzjonijiet min-naħa tiegħu. B'hekk seta' jikkonferma li d-deċiżjoni kienet lesta u għalhekk ipprova jiftaħ għajnejn ir-rikorrenti li hija qatt ma setgħet kienet imparzjali. Spjega li fl-10 ta' Ġunju, 2020, kien kellmu l-Avukat Natalino Caruana Debrincat mill-uffiċċju tal-kollega tiegħu l-Avukat Arthur Azzopardi, fejn informah li wieħed mill-appellanti kien kellmu fuqu xi tliet xhur qabel sabiex jassistih f'proċeduri ta' *personal injury,* għalkemm lill-appellant qatt ma kellmu. Fi ftit minuti, l-Avukat Carlos Bugeja permezz tal-*WhatsApp* informa lill-membri l-oħra tat-Tribunal u fehemhom li kien ikun aħjar li jiġu informati wkoll il-partijiet sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn xi

[17] *A fol.* 233 *et seq.* tal-proċess.

ħadd sussegwentement jarah mal-appellant u jgħid *"... dak għalhekk iddeċieda hekk".* Spjega li huwa qatt ma ried li jagħti dubju dwar l-imparzjalità tiegħu, imma fl-ebda ħin ma ttieħed vot mit-tliet membri dwar jekk kellhomx jastjenu kollha.

Waqt l-istess udjenza xehed **il-Perit Roderick Spiteri**[18], prodott mir-rikorrenti. Qal li huwa ddeċieda li jastjeni wara membru avukat tat-Tribunal Dr Carlos Bugeja kien bagħat *email* fejn talab sabiex il-bord kollu jastjeni. Peress li x-xhud ma riedx li jkun hemm dubju huwa ddeċieda li jastjeni, b'dana li kkonferma li fl-ebda ħin ma ttieħdet deċiżjoni bejn il-membri tat-Tribunal li jastjenu kollha.

Waqt l-istess udjenza xehdet ukoll ir-rikorrenti **l-Perit Alessandra Fiott**[19] in kontroeżami. Ikkonfermat li hija kienet ikkonsultat fuq il-kwistjoni ma' oħtha, li kienet qiegħda tidher bħala l-avukat difensur tagħha. Spjegat li s-sitwazzjoni li żviluppat tat lok li tinħoloq ukoll f'appelli oħra u b'hekk inħoloq preġudizzju għaliha. Fil-fehma tagħha t-Tribunal kien jinfunzjona billi kull membru *"pools in the expertise".* Hija kienet lesta li tisma', iżda qabel ma tieħu pass xtaqet tara l-affarijiet tagħha fir-rigward tar-rikuża tagħha.

Sussegwentement fl-istess udjenza xehdet ukoll l-intimata Segretarja tat-Tribunal **Dorianne Ciantar** in kontroeżami.[20] Spjegat li fil-każ inkwistjoni t-Tribunal kien kompost minn tliet membri *ad hoc* li kienu jidħlu f'ċirkostanzi straordinarji. Fil-każ odjern kien għadu kif ġie appuntat *chairman* ġdid is-Sur

[18] *A fol.* 240 *et seq.* tal-proċess.
[19] *A fol.* 242 *et seq.* tal-proċess.
[20] *A fol.* 248 *et seq.* tal-proċess.

Joe Borg, li beda jirrikuża ruħu minn xi każijiet minħabba l-pożizzjoni ta' segretarju li kellu qabel fi ħdan l-Awtoritá tal-Ippjanar u għalhekk dawn il-każijiet bdew jinstemgħu mill-membri *ad hoc.* Il-membri *ad hoc* daħlu wara li hija kienet ħasbet li ċ-*chairman* kien involut f'dan il-każ partikolari, iżda dan irriżulta li ma kienx minnu u fil-fatt iċ-*chairman* seta' jisma' l-każ. Bħala prassi qatt ma kien jinbiddel xi membru jew membri tat-Tribunal, iżda jinbidel il-*panel* sħiħ. Fil-każ odjern hija mxiet skont din il-prassi. Ix-xhud ikkonfermat li kienet hi li tappunta l-appelli u dan isir skont il-Kap. 551. Mistoqsija mill-Qorti jekk il-liġi kinitx tipprovdi wkoll dwar x'kellu jsir meta jkun hemm rikuża, ix-xhud stqarret li ma kinitx taf twieġeb.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

Il-Qorti tibda billi tosserva li d-deċiżjoni *per se* li ttieħdet mill-intimati membri permezz ta' dak li huma sejħu digriet tas-17 ta' Ġunju, 2020, ma tistax tolqot lir-rikorrenti, għaliex huma permezz ta' din id-deċiżjoni ddikjaraw li <u>kienu qegħdin jastjenu</u> milli jkomplu jisimgħu l-appell inkwistjoni u b'hekk id-dikjarazzjoni kienet tolqot lilhom biss. B'hekk il-Qorti ma tara li bl-ebda mod ma jista' jingħad li ġiet rikużata r-rikorrenti wkoll permezz tad-deċiżjoni tal-membri intimati. Għalkemm ir-rikorrenti qiegħda titlob li l-intimati għandhom jiġu miżmuma milli jeżegwixxu dak id-digriet billi l-appell inkwistjoni jiġi differit sabiex jinstema' minn Tribunal diversament kompost, ma jirriżultax li l-intimati membri għandhom xi poter li jagħmlu dan, iżda mis-subartikolu 4(5) tal-Kap. 551 joħroġ ċar li l-assenjazzjoni ta' appell lil kull *panel* tat-Tribunal jaqa' fl-ambitu tar-responsabbilitajiet tas-intimata Segretarja. Għalhekk il-Qorti ma

tarax li t-talba tar-rikorrenti għandha tiġi kkunsidrata fir-rigward tal-intimati membri li għall-fini tal-azzjoni odjerna għal din ir-raġuni ma jistax jitqies li huma l-leġittimi kontradittur.

Iżda l-Qorti tgħid li t-talba tar-rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa ukoll fil-konfront tal-intimata Segretarja tat-Tribunal. Dan mhux għaliex, kif qiegħda tissottometti, dawn il-proċeduri kellhom isiru direttament fil-konfront tat-Tribunal. Fid-dawl ta' dak li jipprovdi s-subartikolu 41(12) tal-Kap. 504, il-Qorti tqis li l-argument tas-Segretarja tat-Tribunal intimata m'għandux mis-sewwa għaliex hija għandha r-rappreżentanza tat-Tribunal f'proċedimenti ġudizzjarji kontrih. Iżda r-raġuni għaliex din il-Qorti ma tistax tikkunsidra t-talba tar-rikorrenti toħroġ ċar u b'mod inekwivoku mill-kumplament tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi subartikolu li jipprovdi li:

> *"... salv id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att tal-Konvenzjoni Ewropea, l-ebda att kawtelatorju ma jista' jinħareġ kontra t-Tribunal minn xi qorti".*

Għalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' u din il-Qorti ser tastjeni milli tikkonsidra ulterjorment l-imsemmija talba tagħha *ai termini* tal-artikolu 873 tal-Kap. 12.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel ċar li t-talba tar-rikorrenti mhijiex qiegħda tintlaqa' **biss** għal din ir-raġuni, għaliex fil-każ odjern ir-rikorrenti effettivament qiegħda tqajjem il-bżonn ta' eżami approfondit u sew mistħoqq tal-proċeduri segwiti minn dan it-Tribunal. Tali proċeduri jqajmu dubji serji dwar jekk qed jiġu segwiti d-dettami tas-subartikolu 4(6) tal-Kap. 551, li jitlob li f'każ li membru

jiġi skwalifikat milli jisma' appell a tenur tal-artikolu 734 tal-Kap. 12, dan jiġi sostitwit b'membru ieħor. Il-Qorti kellha l-opportunità li tisma' l-intimata Segretarja tat-Tribunal tixhed dwar dak li jsir attwalment fejn f'tali ċirkostanzi jiġi sostitwit il-*panel* sħiħ, proċedura li mhux biss mhijiex imsejsa fil-liġi, iżda proprju tivvolja dak li tirrikjedi l-liġi.

Jingħad ukoll li saħansitra l-proċeduri addottati mill-Bord irriżultaw li mhux biss huma bi ksur tal-liġi, iżda huma wkoll inkonsistenti għall-aħħar. Dan jingħad fid-dawl ta' dak li xehdet l-intimata Segretarja tat-Tribunal li l-appell inkwistjoni ġie quddiem *panel* kostitwit permezz ta' membri *ad hoc* minflok il-*panel* regolarment kostitwit, għaliex fil-bidu kien hemm il-ħsieb li ċ-*chairman* ta' dak il-*panel* seta' kellu kunflitt ta' interess, iżda għal xi raġuni jidher li dan il-kunflitt għeb u l-każ hekk kif kienet waslet il-ġurnata tad-deċiżjoni tiegħu reġa' mar lura għandu. Dan kollu mhux biss huwa nieqes minn kull trasparenza, iżda jista' jagħti lok ta' abbuż mis-sistema fejn faċilment jista' jsir *"panel shopping".*

Fl-aħħar nett il-Qorti tikkunsidra li l-ebda membru ma jista' jgħolli rasu fuq it-Tribunal aktar minn ħaddieħor sempliċement għaliex m'hemm l-ebda awtorità li tirriżulta mil-liġi. Il-membri għandu jżomm ferm dak li jipprovdi għalih is-subartikolu 41(8) tal-Kap. 551 li:

> *"Fl-eżercizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att ic-*Chairperson *u l-membri tat-tribunal m'għandhomx ikunu soġġetti għall-kontroll jew id-direzzjoni ta' xi persuna ... oħra...",*

u dan jingħad għaliex il-Qorti tifhem li anki l-indħil ta' membru fuq ieħor, saħansitra jekk ukoll sottili, jista' jiġi interpretat bħala "direzzjoni"

espressament ipprojbita mil-liġi, jew f'grad aktar serju jista' jiġi meqjus bħala "kontroll" *ai termini* tal-imsemmi subartikolu. Dan kollu jista' jwassal għall-ksur tal-imparjzalità u l-indipendenza tal-membri kif sanċiti permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u s-subartikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u skont dak li huwa rikjest mit-Tribunal *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Kap. 551.

## <u>Decide</u>

**Illi għar-raġuni hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tirrevoka *contrario imperio* l-effetti tad-digriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2020 sa fejn kienet laqgħet ir-Rikors b'mod provviżorju, u qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti in vista tal-fatt li t-talba tagħha ma tistax tintlaqa' minħabba dak li jipprovdi s-subartikolu 41(12) tal-Kap. 504 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu nofs bin-nofs mir-rikorrenti u mill-intimata Segretarju tat-Tribunal.**

Mogħti kameralment fis-16 ta' Lulju, 2020.

Moqrija.